**13 ta' Frar, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Cauchi

## Kwerela – Rekwiżiti tas-Sentenza

*Meta fil-każ ta' reati ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati u fejn l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela ta' l-offiż jikkonkorru xi waħda miċ-ċirkostanzi fil-proviso ta' l-artikolu 373 tal-Kap. 9, l-azzjoni tkun prosegwibbli ex officio mill-pulizija.*

*Fis-sentenza għandu jiġi indikat l-artikolu tal-liġi li jipprevedi l-ħtija, iżda mhux meħtieġ għall-validità tas-sentenza, għalkemm desiderabbli, li jiġi indikat ukoll il-paragrafu jew l-inċiż ta' l-artikolu relattiv.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni li fid-9 ta' Diċembru, 1990 għat-8.15 a.m. fis-*Silver Jubilee Sports Ground, Victoria,* Għawdex l-imputat (1) hedded bi kliem lil Reno Refalo, (2) sawwat lill-imsemmi Refalo, (3) għamel ħsara f'karozza numru T – 8494 b'dannu ta' l-istess Refalo u (4) dagħa fil-pubbliku, bit-talba li minbarra li tagħti l-piena, l-Qorti tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza tat-3 ta' April, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 339(1) (d) tal-Kapitolu 9 kkundannatu għall-multa ta' għoxrin lira Maltija għall-ewwel imputazzjoni u ħamsin lira Maltija għat-tieni; u inoltre, wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9, rabtet lill-imputat "li ma jimmolestax lil Reno Refalo għal żmien sena taħt penali ta' mitt lira Maltija (Lm100)", u lliberat lill-imputat mit-tielet u r-raba' imputazzjoni billi ma sabitux ħati tagħhom;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab il-konferma ta' dik is-sentenza fil-parti liberatorja tagħha u r-revoka tal-bqija ta' l-istess sentenza u l-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni;

Rat l-atti l-oħrajn, u wara li semgħet ix-xhieda u t-trattazzjoni, kkunsidrat illi:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli ma saritx prova tal-kwerela a bażi ta' l-artikolu 339(2) tal-Kap. 9, u għalhekk issottometta li l-azzjoni ma kinitx prosegwibbli ex *officio.* F'dan ir-rigward però r-reati dedotti li għalihom l-azzjoni

kellha titmexxa *ad istanza* privata ġew allegatament kommessi flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku. Barra minhekk l-allegat offiż ma jidhirx li rrinunzja espressament għall-azzjoni fi żmien erbat ijiem mid-data ta' l-allegata kommissjoni tar-reati. Għalhekk l-azzjoni preżenti, kif inhi, kienet prosegwibbli *ex officio* a tenur ta' l-artikolu *373* tal-Kodiċi *Kriminali*;

It-*tieni* aggravju huwa li l-imputazzjonijiet li bihom ġie akkużat l-appellant ma jikkonfigurawx fl-artikolu tal-Liġi Kriminali li taħtu l-appellant ġie misjub ħati, ċjoè l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9. Ir-reati li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati mill-ewwel Qorti huma kkontemplati fl-artikolu 339(1)(d) u (e) tal-Kap. 9. Fis-sentenza appellata ġie ċċitat biss is-subinċiż (d) ta' dak l-artikolu. Issa fis-sentenza għandu jiġi indikat l-artikolu tal-liġi li jipprevedi l-ħtija, iżda *mhux meħtieġ* għall-validità tas-sentenza, għalkemm desiderabbli, li jiġi indikat ukoll il-paragrafu jew l-inċiż ta' l-artikolu relattiv (Kollez. Vol. XXIX.IV. 615). Kien suffiċjenti li jissemma l-artikolu 339 tal-Kap. 9 fis-sentenza appellata. Għalhekk it-tieni aggravju mhux fondat;

*Omissis;*

Ir-raba' aggravju sostanzjalment hu li ebda waħda mill-imputazzjonijiet dedotti ma rriżultat ippruvata suffiċjentement. Effettivament l-anqas Reno Refalo nnifsu ma allega li l-appellant kien heddu. Refalo xehed li l-appellant kien ipprotesta miegħu bl-aħrax. L-imputazzjoni dwar is-swat ma rriżultatx stante konflitt fil-provi;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti li biha l-appellant ġie misjub

mhux ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u lliberat minnhom, u tirrevoka dik is-sentenza fil-bqija, u minflok tillibera lill-appellant anki mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni billi ma ssibux ħati tagħhom.